**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 12 ta' Gunju 2025**

**Rikors nru: 600/2024 AGV ;**

**RB**

**Vs**

**IG**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-Rikors ta' R B**

Jesponi bir-rispett illi ;

1. Il-kontedenti izzewwgu nhra l-1 ta' Ottubru 2005, u dan kif inhu konfermat fic-certifikat taz-zwieg (hawn anness u immarkat bhala Dok A);

2. Minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal li twieldet nhar 19 ta' Frar 2008 u L li twieled nhar is-16 ta' Novembru 2010;

3. Il-partijiet isseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni data 20 ta' Mejju 2020 fl-atti tan-Nutar Gianluca Sicberras (hawn anness u mmarkat DOK B);

4. M` hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra ilhom snin mifrudin illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

5. Fir-rigward ta' manteniment skond il-kuntratt ta' separazzjoni m`hemm ebda obbligu ta' manteniment fil-konfront tal-kontendenti filwaaqt li rigward tal-manteniment tal-ulied tali manteniment qieghed jithallas.

6. In vista tal-fatti tas-suespost il-kontendenti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk l-esponenti jitlob bir-rispett lil dina l-onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-registratur tal-Qrati Civili u Tribunal sabiex fi zmien imholli mill-istess Qorti javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrati fir-registru Pubbliku.

Rat ir- Risposta ta' **I G**

**T**esponi bir-rispett u bil-gurament taghha tikkonferma:

1. Illi fl-ewwel lok jinghad illi mhux kontestat li l-partijiet izzewwgu fl-1 ta' Ottubru tas- sena 2005, u lanqas m`huwa kkontestat illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Gianluca Sciberras data (19) ta' Frar tas-sena 2008.

2. Illi madanakollu **jinghad illi hemm arretrati ta' manteniment fir-rigward tal-manteniment** ulied A u L u dana peress li r-rikorrent baqa jivversa l-ammont ta' Hames mitt ewro fix-xahar (€500) minghajr qatt ma l-istess gie awmentat sabiex jirrifletti l-gholi tal-hajja l-Artikolu 23 tal-imsemmi att ta' separazzjoni personali jistiplua fost l-ohrajn illi Barra minn hekk dan il-manteniment ghandu joghla kull sena skont l-indici ufficjali tal-gholi tal-hajja. Wara kollox ir-

rikorrent stess fl-affidavit tieghu jixhed illi huwa jhallas ir-rata mensili ta' hames mitt ewro fix-xahar;

3. Illi ghalhekk jirrizulta illi l-arretrati ta' manteniment dovuti mir-rikorrent huma s-segwenti:

    a. Illi l-partijiet bieghu d-dar mantrimonjali taghhom fid-9 ta' Marzu tas-sena 2021 u dana permezz tal-kuntratt tas-self u begh fl-atti tan-Nutar Dottor Stephanie Grech (vide **Dokument A**).

    b. Illi l-bejgh ta 'tali propjeta' il-manteniment pagabbli mir-rikorrent awmenta ghas- somma mensili ta' hames mitt Ewro- u dan jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet.

    c. Illi f`Marzu tas-sena 2022 il-manteniment awmenta fis-somma ta' €507.50 U ghalhekk ghal dini s-sena jirrizlutaw illi hemm arretrati ta' €90.00.

    d. Illi f`Marzu tas-sena 2023 il-manteniment awmenta fis-somma ta' €538.71 u ghalhekk ghal din s-sena jirrizulta illi hemm arretrati ta' €464.52.

    e. Illi f`Marzu tas-sena 2024 il-manteniment awmentat fis-somma ta' €566.13 u ghalhekk sa Frar 2025 jirrizulta illi hemm arretrati ta' €727.43.

**f.** Illi ghalhekk l-ammont totali ta' arretrati ta' **€1,281.95.**

4. Illi ghalhekk ir-rikrrent ghandu l-ewwel u qabel kollox jissalda tali arretrati ta' manteniment kif hawn fuq spjegat sabiex it-talba tieghu ghal divorzju tkun tista tipprosegwi.

5. Illi finalment l-espenenti topponi wkoll ghall-ispejjez kollha tal-procedura odjernu li ghandhom jigu akkollati lir-rikorrent.

Tant ghandha x`tissottomentti l-esponenti f' dal-istadju a savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

**Il-Qorti rat li** - fis-seduta tal-Hamis 12 ta' Gunju, l-arretrati gew imhallsa, u ma hemmx oggezzjoni ghal-ghoti tad-divorzju

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat fl- 1 ta' Ottubru 2005**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**